REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/854

tas-7 ta' Mejju 2025

dwar programm koordinat ta' kontroll pluriennali tal-Unjoni għall-2026, l-2027 u l-2028 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi tal-pesticidi, u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumaturi għar-residwi tal-pesticidi fl-ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali, u fuqu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/989

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pesticidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(2) tiegħu,

Billi:

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 ([2]) ġie stabbilit l-ewwel programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll pluriennali, għas-snin 2009, 2010 u 2011. Dak il-programm baqa' għaddej skont regolamenti konsekuttivi, li l-aħħar wieħed minnhom huwa r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/989 ([3]).

(2) Hemm bejn 30 u 40 prodott li jikkostitwixxu l-komponenti ewlenin tad-dieta tan-nies fl-Unjoni. Peress li l-użi tal-pesticidi juru bidliet sinifikanti tul perjodu ta' tliet snin, jeħtieġ li l-pesticidi f'dawk il-prodotti jiġu mmonitorjati tul sensiela ta' ċikli ta' tliet snin biex l-esponiment tal-konsumaturi u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jkunu jistgħu jiġu vvalutati.

(3) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), ippubblikat rapport xjentifiku dwar il-valutazzjoni tat-tfassil tal-programm ta' monitoraġġ tal-pesticidi ([4]). Ikkonkludiet li rata ta' eċċess tal-livell massimu ta' residwi li tkun ogħla minn 1 % tista' tiġi stmata b'marġni ta' errur ta' 0,75 % billi jintgħażlu 683 unità ta' kampjun għal minimu ta' 32 prodott differenti. Jenħtieġ li l-ġbir ta' dawk il-kampjuni jitqassam fost l-Istati Membri skont id-daqs tal-popolazzjoni, b'minimu ta' 12-il kampjun ta' kull prodott fis-sena.

(4) Tqiesu r-riżultati analitiċi mill-programmi ta' kontroll uffiċjali preċedenti tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-firxa ta' pesticidi koperti mill-programm ta' kontroll tkun rappreżentattiva tal-pesticidi użati.

(5) Sabiex tiġi żgurata sottomissjoni armonizzata ta' informazzjoni mill-Istati Membri dwar ir-riżultati tal-analiżi tar-residwi tal-pesticidi, li tippermetti lill-Awtorità jkollha riżultati komparabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw linji gwida miftiehma, bħall-verżjoni 2 tad-Deskrizzjoni Standard tal-Kampjuni u l-Linja Gwida dwar ir-Rappurtar tal-Monitoraġġ tas-Sustanzi Kimiċi.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1213/2008 tal-5 ta' Diċembru 2008 li jikkonċerna programm Komunitarju kkoordinat ta' kontroll multiannwali għall-2009, 2010 u 2011 sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi ta' pesticidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali u biex tevalwa l-esponiment tal-konsumatur għalihom (ĠU L 328, 6.12.2008, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1213/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/989 tat-2 ta' April 2024 dwar programm koordinat ta' kontroll pluriennali tal-Unjoni għall-2025, l-2026 u l-2027 biex tiġi żgurata l-konformità mal-livelli massimi ta' residwi tal-pesticidi, u biex jiġi vvalutat l-esponiment tal-konsumaturi għar-residwi tal-pesticidi fl-ikel li joriġina mill-pjanti u mill-annimali, u fuqu, u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2023/731 (ĠU L, 2024/989, 3.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/989/oj).

([4]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; il-Programm ta' Monitoraġġ tal-Pesticidi: il-Valutazzjoni tad-Disinn. *EFSA Journal* 2015;13(2):4005.

(6) Għall-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni jenħtieġ li tapplika d-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE ([5]), li tinkorpora l-metodi u l-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni rakkomandati mill-Kummissjoni tal-Codex Alimentarius.

(7) F'konformità mad-Dokument ta' Ħidma tad-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari dwar is-sommarju tal-LOQs f'każ ta' definizzjonijiet kumplessi tar-residwi ([6]), fejn id-definizzjoni tar-residwu ta' pestiċida tinkludi sustanzi attivi oħra, metaboliti u/jew prodotti ta' degradazzjoni jew ta' reazzjoni, dawk il-komposti jenħtieġ li jiġu rrapportati separatament sakemm jitkejlu individwalment.

(8) Jeħtieġ li jiġi vvalutat jekk il-livelli massimi ta' residwi għall-ikel għat-trabi u għat-tfal żgħar humiex issodisfati kif previst fir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 ([7]) u (UE) 2016/128 ([8]) u fid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE ([9]).

(9) Fir-rigward tal-metodi ta' residwu wieħed, billi jista' jkun li mhux l-Istati Membri kollha għandhom il-metodi analitiċi vvalidati meħtieġa, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jissodisfaw l-obbligi ta' analiżi tagħhom billi jittrażmettu kampjuni lil-laboratorji uffiċjali li diġà għandhom il-metodi vvalidati meħtieġa.

(10) Sabiex l-Awtorità tkun tista' tevalwa u tikkompila r-riżultati rrappurtati fil-ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jissottomettu sal-31 ta' Awwissu ta' kull sena l-informazzjoni li tikkonċerna s-sena kalendarja preċedenti.

(11) Sabiex ma jkun hemm ebda konfużjoni minħabba xi trikkib bejn il-programmi pluriennali konsekuttivi, jenħtieġ li jitħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/989. Madankollu, jenħtieġ li dan ikompli japplika għall-kampjuni ttestjati fl-2025.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Matul is-snin 2026, 2027 u 2028, l-Istati Membri ([10]) għandhom jieħdu u janalizzaw il-kampjuni għall-kombinamenti ta' prodotti/pestiċidi, kif stabbilit fl-Anness I.

([5]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/63/KE tal-11 ta' Lulju 2002 li tistabbilixxi metodi tal-Komunità ta' teħid ta' kampjuni għall-kontroll uffiċjali ta' residwi ta' pestiċidi ġo u fuq prodotti li joriġinaw mill-pjanti jew mill-annimali u li tħassar id-Direttiva 79/700/KEE (ĠU L 187, 16.7.2002, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2002/63/oj).

([6]) Dokument ta' Ħidma dwar is-sommarju tal-LOQs f'każ ta' definizzjonijiet kumplessi tar-residwi (SANCO/12574/2014).

([7]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/127 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni tal-formula tat-trabi u tal-formula ta' prosegwiment u fir-rigward ta' rekwiżiti dwar l-informazzjoni dwar it-tmigħ tat-trabi u tat-tfal żgħar (ĠU L 25, 2.2.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/127/oj).

([8]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/128 tal-25 ta' Settembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 609/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti speċifiċi dwar il-kompożizzjoni u l-informazzjoni għall-ikel għal skopijiet mediċi speċjali (ĠU L 25, 2.2.2016, p. 30, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2016/128/oj).

([9]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/125/KE tal-5 ta' Diċembru 2006 dwar ikel ipproċessat ibbażat fuq iċ-ċereali u ikel tat-trabi għat-trabi u għat-tfal żgħar (ĠU L 339, 6.12.2006, p. 16, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2006/125/oj).

([10]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-hruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023 (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87)) flimkien mal-Anness 2, it-taqsima 24, ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

2. L-Istati Membri għandhom jieħdu kampjuni kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness II u janalizzaw il-kampjuni kollha, inklużi dawk tal-ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar u l-prodotti li joriġinaw mill-biedja organika f'konformità mar-rekwiżiti għall-analiżi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness II.

3. L-Istati Membri għandhom jagħżlu l-lott li għandu jittieħed kampjun minnu b'mod aleatorju.

Il-proċedura tat-teħid ta' kampjuni, inkluż l-għadd ta' unitajiet, għandha tikkonforma mad-Direttiva 2002/63/KE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jissottomettu r-riżultati tal-analiżi tal-kampjuni ttestjati fl-2026, fl-2027 u fl-2028 sal-31 ta' Awwissu tal-2027, tal-2028 u tal-2029 rispettivament fil-format tar-rappurtar elettroniku kif stabbilit mill-Awtorità.

Meta d-definizzjoni ta' residwu ta' pestiċida tinkludi iżjed minn kompost wieħed (sustanza attiva u/jew metabolita, jew prodott ta' degradazzjoni jew ta' reazzjoni), ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu rrappurtati f'konformità mad-definizzjoni sħiħa tar-residwu. Ir-riżultati ta' kull wieħed mill-analiti li jiffurmaw parti mid-definizzjoni tar-residwu għandhom jintbagħtu separatament, sa fejn dawn jitkejlu b'mod individwali.

Artikolu 3

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2024/989 jitħassar.

Madankollu, fir-rigward tal-kampjuni ttestjati fl-2025, għandu japplika sal-1 ta' Settembru 2026.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Mejju 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

PARTI A

Prodotti [1] li joriġinaw mill-pjanti [2] li jridu jittieħdu l-kampjuni minnhom fl-2026, fl-2027 u fl-2028

2026	2027	2028
(a)	(b)	(c)
(0110020) Lariną [1]	(0151000) Għeneb tal-mejda [1]	(0130010) Tuffieħ [1]
(0130020) Lanġas [1]	(0163020) Banana [1]	(0152000) Frawli [1]
(0162010) Kiwi [1]	(0110010) Grejpfrut [1]	(0140030) Ħawħ, inkluż in-nuċiprisk u ibridi simili [1]
(0241020) Pastard [1]	(0231030) Brunġiel [1]	Inbid (aħmar jew abjad) magħmul minn (0151020) għeneb tal-inbid (meta ma jkun hemm l-ebda fattur speċifiku tal-ipproċessar għall-inbid disponibbli, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-fatturi tal-ipproċessar tal-inbid użati)
(0220020) Basal [1]	(0241010) Brokkli [1]	(0251020) Ħass [1]
(0213020) Karrotti [1]	(0233010) Bettieħ [1]	(0242020) Kaboċċi kkapoċċati [1]
(0211000) Patata [1]	(0280010) Faqqiegħ ikkultivat [1]	(0231010) Tadam [1]
(0300010) Fażola (mnixxfa) [1]	(0231020) Bżar [1]	(0252010) Spinaċi [1]
(0500070) Segala [2]	(0500090) Qamħ [2]	(0500050) Ħbub tal-ħafur [2] [3]
(0500060) Ir-ross ismar (ir-ross meħluf), li huwa ddefinit bħala ross wara li titneħħa l-qoxra mir-ross bil-ħliefa [4]	Żejt taż-żebbuġa verġni minn (0402010) Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt (jekk ma jkun disponibbli l-ebda fattur tal-ipproċessar speċifiku għaż-żejt, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw il-fatturi tal-ipproċessar użati)	(0500010) Xgħir [2] [5]

[1] Għandhom jiġu analizzati l-prodotti mhux ipproċessati. Fil-każ ta' prodotti li kienu ffriżati meta ttieħed il-kampjun, għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar, jekk applikabbli.

[2] Jekk ma jkunx hemm biżżejjed kampjuni ta' ħabb tas-segala, tal-qamħ, tal-ħafur jew tax-xgħir, jista' jiġi analizzat ukoll id-dqiq integrali tas-segala, tal-qamħ, tal-ħafur jew tax-xgħir u għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar.

[3] Jekk ma jkunx hemm biżżejjed kampjuni ta' ħbub tal-ħafur, il-parti tal-għadd ta' kampjuni meħtieġa għall-ħabb tal-ħafur li ma jkunx seta' jittieħed, jista' jiżdied mal-għadd ta' kampjuni tal-ħabb tax-xgħir, bir-riżultat li l-għadd tal-kampjuni tal-ħabb tal-ħafur ikun inqas u l-għadd tal-kampjuni ta' ħabb tax-xgħir jiżdied b'mod proporzjonali.

[4] Meta jkun jixraq, jista' jiġi analizzat ukoll il-ħabb tar-ross imqaxxar u meħluf. Għandu jiġi rrappurtat liema tip ta' ross ikun ġie analizzat, jekk kienx ross imqaxxar u meħluf, jew ross meħluf biss. Jekk ikun ġie analizzat ross imqaxxar u meħluf, għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar.

[5] Jekk ma jkunx hemm biżżejjed kampjuni ta' ħabb tax-xgħir, l-għadd ta' kampjuni mill-għadd meħtieġ tal-ħabb tax-xgħir li ma jkunx seta' jittieħed, jista' jiżdied mal-għadd ta' kampjuni tal-ħabb tal-ħafur, bir-riżultat li l-għadd tal-kampjuni tal-ħabb tax-xgħir ikun inqas, u l-għadd tal-kampjuni ta' ħabb tal-ħafur jiżdied b'mod proporzjonali.

[1] Il-kodiċijiet tal-prodotti f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

[2] Il-partijiet tal-prodotti mhux ipproċessati li għalihom japplikaw l-MRLs għandhom jiġu analizzati għall-prodott ewlieni tal-grupp jew tas-sottogrupp kif elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

PARTI B

Prodotti ([3]) li joriġinaw mill-annimali ([4]) li għandu jittieħed kampjun minnhom fl-2026, fl-2027 u fl-2028

2026	2027	2028
(f)	(d)	(e)
(1016020) Tessut xaħmi tal-pollam ([1]), ([2])	(1012020) Tessut xaħmi tal-bovini ([1]), ([2])	(1020010) Ħalib tal-baqra ([3])
(1012030) Fwied tal-bovini ([1])	(1030010) Bajd tat-tiġieġ ([1]), ([4])	(1011020) Tessut xaħmi tal-ħnieżer ([1]), ([2])

([1]) Għandhom jiġu analizzati l-prodotti mhux ipproċessati. Fil-każ ta' prodotti li kienu ffriżati meta ttieħed il-kampjun, għandu jiġi rrappurtat fattur tal-ipproċessar, jekk applikabbli.
([2]) Jistgħu wkoll jittieħdu kampjuni mil-laħam f'konformità mat-Tabella 3 tal-Anness tad-Direttiva 2002/63/KE.
([3]) Il-ħalib frisk (mhux ipproċessat) għandu jiġu analizzat, kif ukoll il-ħalib iffriżat, pasturizzat, imsaħħan, sterilizzat jew iffiltrat.
([4]) Għandu jiġi analizzat il-bajd shih mingħajr il-qoxra.

PARTI C

Kombinamenti ta' residwi/prodotti tal-pestiċidi li jridu jiġu analizzati fi/fuq il-prodotti li joriġinaw mill-pjanti

	2026	2027	2028	Kummenti
2,4-D	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-larinġ, fil-frott tal-kiwi, fil-langas, fil-pastard, fir-ross ismar u fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026; fil-grapefruit, fl-għeneb tal-mejda, fil-brunġiel, fil-brokkli u fuqhom fl-2027; fil-ħawħ, fil-ħass, fit-tadam u fuqhom fl-2028.
2-Fenilfenol	(a)	(b)	(c)	Għanda tiġi analizzata biss fil-larinġ, fiz-zunnarija, fil-langas, fis-segala u fir-ross ismar u fuqhom fl-2026; fil-grapefruit u fil-banana u fuqhom fl-2027; fil-frawli u fuqu fl-2028.
4-CPA	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-langas u fuqu fl-2026; fil-brunġiel, fil-bettieħ, fil-bżar ħelu, u fil-faqqiegħ ikkultivat u fuqhom fl-2027; fil-frawli u fuqu fl-2028.
Abamektina	(a)	(b)	(c)	
Aċefat	(a)	(b)	(c)	
Aċetamiprid	(a)	(b)	(c)	
Aklonifen	(a)			Għandha tiġi analizzata biss fiz-zunnarija u fuqhom fl-2026.
Akrinatrina	(a)	(b)	(c)	
Aldikarb	(a)	(b)	(c)	
Aldrin u dieldrin	(a)	(b)	(c)	
Ametoktradin	(a)	(b)	(c)	
Ażadiraktin	(a)	(b)	(c)	

([3]) Il-kodiċijiet tal-prodotti f'konformità mal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
([4]) Il-partijiet tal-prodotti mhux ipproċessati li għalihom japplikaw l-MRLs għandhom jiġu analizzati għall-prodott ewlieni tal-grupp jew tas-sottogrupp kif elenkati fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor.

Ażinfos-metil	(a)	(b)	(c)	
Ażossistrobin	(a)	(b)	(c)	
Klorur tal-benżalkonju	(a)	(b)	(c)	
Bifentrin	(a)	(b)	(c)	
Bifenil	(a)	(b)	(c)	
Bitertanol	(a)	(b)	(c)	
Boskalid	(a)	(b)	(c)	
Joni tal-bromur	(a)			Għandha tiġi analizzata biss fir-ross ismar u l-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026.
Bromopropilat	(a)	(b)	(c)	
Bupirimat	(a)	(b)	(c)	
Buprofeżin	(a)	(b)	(c)	
Kaptan	(a)	(b)	(c)	
Karbaril	(a)	(b)	(c)	
Karbendażim u benomil	(a)	(b)	(c)	
Karbofuran	(a)	(b)	(c)	
Klorantraniliprol	(a)	(b)	(c)	
Klorati	(a)	(b)	(c)	
Klorfenapir	(a)	(b)	(c)	
Klormekwat	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-patata, fil-pastard, fiz-zunnarija, fil-lanġas, fis-segala, fir-ross ismar u fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026; fl-għeneb tal-mejda, fil-faqqiegħ ikkultivat, fil-qamħ u fuqhom fl-2027; fil-frawli, fil-kaboċċi kkapoċċati, fil-ħafur, fix-xgħir u fuqhom fl-2028.
Klorotalonil	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas, fil-frott tal-kiwi, fil-patata u fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026; fil-bettieħ, fl-għeneb tal-mejda, fil-banana u fil-brunġiel u fuqhom fl-2027; fil-ħawħ, fil-frawli, fit-tadam u fil-ħass u fuqhom fl-2028.
Klorprofam	(a)	(b)	(c)	
Klorpirifos	(a)	(b)	(c)	
Klorpirifos-metil	(a)	(b)	(c)	
Klofenteżina	(a)	(b)	(c)	
Klopiralid		(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fl-għeneb tal-mejda, fil-brokkli u fil-faqqiegħ ikkultivat u fuqhom fl-2027; fil-ħawħ, fil-kaboċċi kkapoċċati, fl-ispinaċi u fil-ħafur u fuqhom fl-2028.
Klotijanidina	(a)	(b)	(c)	
Komposti tar-ram	(a)	(b)	(c)	
Ċjantraniliprol	(a)	(b)	(c)	

Ċjażofammid	(a)	(b)	(c)	
Ċiflufenammid	(a)	(b)	(c)	
Ċiflumetofen	(a)	(b)	(c)	
Ċiflutrin	(a)	(b)	(c)	
Ċimoksanil	(a)	(b)	(c)	
Ċipermetrina	(a)	(b)	(c)	
Ċiprokonażol	(a)	(b)	(c)	
Ċiprodinil	(a)	(b)	(c)	
Ċiromażina	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-patata, fil-basal, fiz-zunnarija, fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026; fil-brunġiel, fil-bżar ħelu, fil-bettieħ u fil-faqqiegħ ikkultivat u fuqhom fl-2027; fil-ħass u t-tadam u fuqhom fl-2028.
Deltametrina	(a)	(b)	(c)	
Diażinon	(a)	(b)	(c)	
Diklorvos	(a)	(b)	(c)	
Dikloran	(a)	(b)	(c)	
Dikofol	(a)	(b)	(c)	
Klorur tad-dideċildimetilammonju	(a)	(b)	(c)	
Dietofenkarb	(a)	(b)	(c)	
Difenokonażol	(a)	(b)	(c)	
Diflubenżuron	(a)	(b)	(c)	
Dimetoat	(a)	(b)	(c)	
Dimetomorf	(a)	(b)	(c)	
Dinikonażol	(a)	(b)	(c)	
Difenilammina	(a)	(b)	(c)	
Ditijanon	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas u fuqu fl-2026; fl-għeneb tal-mejda u fuqu fl-2027; fit-tuffieħ, fil-ħawħ u fil-frawli u fuqhom fl-2028.
Ditijokarbamati	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata fil-prodotti bażiċi kollha elenkati u fuqhom, għajr il-brokkli, il-pastard, il-kaboċċi kkapoċċati, iż-żejt taż-żebbuġa, l-inbid u l-basal.
Dodina	(a)	(b)	(c)	
Emamektin benżoat B1a, espress bħala emamektin	(a)	(b)	(c)	
Endosulfan	(a)	(b)	(c)	
Epossikonażol	(a)	(b)	(c)	

Etefon	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-larinġ u fil-lanġas u fuqhom fl-2026; fil-grapefruit, fil-bettieħ, fil-bżar ħelu, fil-qamħ, u fl-għeneb tal-mejda u fuqhom fl-2027; fit-tuffieħ, fil-ħawħ, fit-tadam, fix-xgħir u fl-inbid u fuqhom fl-2028.
Etjon	(a)	(b)	(c)	
Etirimol	(a)	(b)	(c)	
Etofenproks	(a)	(b)	(c)	
Etossażol	(a)	(b)	(c)	
Ossidu tal-etilen	(a)			Għandha tiġi analizzata fil-fażola mnixxfa, fir-ross ismar u fuqhom fl-2026.
Famoksadon	(a)	(b)	(c)	
Fenamidon	(a)	(b)	(c)	
Fenamifos	(a)	(b)	(c)	
Fenarimol	(a)	(b)	(c)	
Fenażakin	(a)	(b)	(c)	
Fenbukonażol	(a)	(b)	(c)	
Ossidu tal-fenbutatin	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-larinġ u fil-lanġas u fuqhom fl-2026; fil-grapefruit u fl-għeneb tal-mejda u fuqhom fl-2027; fit-tuffieħ, fil-frawli u fil-ħawħ u fuqhom fl-2028.
Feneżammid	(a)	(b)	(c)	
Fenitrotijon	(a)	(b)	(c)	
Fenossikarb	(a)	(b)	(c)	
Fenpropatrina	(a)	(b)	(c)	
Fenpropidina	(a)	(b)	(c)	
Fenpropimorf	(a)	(b)	(c)	
Fenpirażammina	(a)	(b)	(c)	
Fenpirossimat	(a)	(b)	(c)	
Fentijon	(a)	(b)	(c)	
Fenvalerat	(a)	(b)	(c)	
Fipronil	(a)	(b)	(c)	
Flonikammid	(a)	(b)	(c)	
Fluważifop-P	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas, fil-pastard, fil-fażola mnixxfa, fil-patata, fiz-zunnarija, fil-basal u fuqhom fl-2026; fil-brunġiel, fil-brokkli, fil-bżar ħelu, u fuqhom fl-2027; fil-frawli, fil-kaboċċi kkapoċċati, fl-ispinaċi u fuqhom fl-2028.
Flubendiammid	(a)	(b)	(c)	
Fludiossonil	(a)	(b)	(c)	
Flufenossuron	(a)	(b)	(c)	

Fluwopikolid	(a)	(b)	(c)	
Fluwopiram	(a)	(b)	(c)	
Flupiradifuron	(a)	(b)	(c)	
Flukwinkonażol	(a)	(b)	(c)	
Flusilażol	(a)	(b)	(c)	
Flutrijafol	(a)	(b)	(c)	
Flużapirossad	(a)	(b)	(c)	
Folpet	(a)	(b)	(c)	
Formetanat	(a)	(b)	(c)	
Fosetil-Al	(a)	(b)	(c)	
Fostijażat	(a)	(b)	(c)	
Glufosinat-ammonju	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas, fil-patata, fil-frott tal-kiwi, fir-ross ismar u fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026; fl-għeneb tal-mejda, fil-banana u fil-faqqiegħ ikkultivat u fuqhom fl-2027; fil-ħawħ, fil-frawli, fil-kaboċċi kkapoċċati, fit-tuffieħ u fil-ħass u fuqhom fl-2028.
Glifosat	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas, fil-frott tal-kiwi, fil-fażola mnixxfa, fir-ross ismar, fis-segala, fiz-zunnarija u fil-lariġ u fuqhom fl-2026; fil-faqqiegħ ikkultivat, fl-għeneb tal-mejda, fil-grapefruit, fil-brunġiel, fil-qamħ u fuqhom fl-2027; fit-tuffieħ, fil-ħawħ, fil-frawli, fil-kaboċċi kkapoċċati, fil-ħass, fl-inbid, fl-ispinaċi, fil-ħafur u fix-xgħir u fuqhom fl-2028.
Aloksifop inkluż l-aloksifop-P	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas, fil-patata, fiz-zunnarija, fil-pastard, fil-basal u fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026; fil-brokkli u fil-qamħ u fuqhom fl-2027; fil-frawli, il-kaboċċi kkapoċċati u fuqhom fl-2028.
Eżakonażol	(a)	(b)	(c)	
Eksitijażoks	(a)	(b)	(c)	
Imażalil	(a)	(b)	(c)	
Imidakloprid	(a)	(b)	(c)	
Indoksakarb	(a)	(b)	(c)	
Iprodjon	(a)	(b)	(c)	
Iprovalikarb	(a)	(b)	(c)	
Isokarbofos	(a)	(b)	(c)	
Isofetammid	(a)	(b)	(c)	
Isoprotijolan	(a)			Għandha tiġi analizzata biss fir-ross ismar u fuqu fl-2026.
Krežoksim-metil	(a)	(b)	(c)	
Lambda ċjalotrina	(a)	(b)	(c)	
Linuron	(a)	(b)	(c)	

Lufenuron	(a)	(b)	(c)	
Malatijon	(a)	(b)	(c)	
Idrażid malejku	(a)			Għandha tiġi analizzata biss fil-basal u fil-patata u fuqhom fl-2026.
Mandipropammid	(a)	(b)	(c)	
Mefentriflukonażol	(a)	(b)	(c)	
Mepanipirim	(a)	(b)	(c)	
Mepikwat	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas, fil-pastard, fil-patata, fil-fażola mnixxfa, fis-segala, fir-ross ismar u fuqhom fl-2026; fl-għeneb tal-mejda, fil-bżar ħelu, fil-faqqiegħ ikkultivat, fil-qamħ u fuqhom fl-2027; fit-tuffieħ, fl-inbid, fil-frawli, fix-xgħir, fil-ħafur u fuqhom fl-2028.
Metaflumiżon	(a)	(b)	(c)	
Metalaksil u metalaksil-M	(a)	(b)	(c)	
Metamitron	(a)	(b)	(c)	
Metamidofos	(a)	(b)	(c)	
Metidatijon	(a)	(b)	(c)	
Metijokarb	(a)	(b)	(c)	
Metomil	(a)	(b)	(c)	
Metossifenożid	(a)	(b)	(c)	
Metrafenon	(a)	(b)	(c)	
Monokrotofos	(a)	(b)	(c)	
Miklobutanil	(a)	(b)	(c)	
Nikotina	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas, fil-basal, fil-patata u fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026; fl-għeneb tal-mejda, fil-faqqiegħ ikkultivat, fil-bżar ħelu u fuqhom fl-2027; fit-tuffieħ, fil-ħawħ, fil-frawli, fil-ħass, fl-ispinaċi u fit-tadam u fuqhom fl-2028.
Ometoat	(a)	(b)	(c)	
Oksadiksil	(a)	(b)	(c)	
Oksamil	(a)	(b)	(c)	
Oksatijapiprolin	(a)	(b)	(c)	
Ossidemeton-metil	(a)	(b)	(c)	
Paklobutrażol	(a)	(b)	(c)	
Paratijon-metil	(a)	(b)	(c)	
Penkonażol	(a)	(b)	(c)	
Penċikuron	(a)	(b)	(c)	
Pendimetalina	(a)	(b)	(c)	
Permetrina	(a)	(b)	(c)	

Fosmet	(a)	(b)	(c)	
Pirimikarb	(a)	(b)	(c)	
Pirimifosmetil	(a)	(b)	(c)	
Prokloraż	(a)	(b)	(c)	
Pročimidon	(a)	(b)	(c)	
Profenofos	(a)	(b)	(c)	
Propamokarb	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-lanġas, fiz-zunnarija, fil-pastard, fil-basal, fil-patata u fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026; fl-għeneb tal-mejda, fil-bettieħ, fil-banana, fil-brunġiel, fil-brokkli, fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2027; fil-frawli, il-kaboċċi kkapoċċati, l-ispinaċi, il-ħass, it-tadam, fix-xgħir u fuqhom fl-2028.
Proparġit	(a)	(b)	(c)	
Propikonażol	(a)	(b)	(c)	
Propiżammid	(a)	(b)	(c)	
Prokinażid	(a)	(b)	(c)	
Prosulfokarb	(a)	(b)	(c)	
Protijokonażol	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fiz-zunnarija, fil-basal, fis-segala u fir-ross ismar u fuqhom fl-2026; fil-bżar ħelu, fil-qamħ u fuqhom fl-2027; fil-kaboċċi kkapoċċati, fil-ħass, fit-tadam, fil-ħafur u fix-xgħir u fuqhom fl-2028.
Pimetrożina		(b)	(c)	Ma għandha tiġi analizzata fl-ebda prodott jew fuq l-ebda prodott fl-2026. Għandha tiġi analizzata biss fil-brunġiel, fil-bettieħ, fil-bżar ħelu u fuqhom fl-2027; fil-ħass, fil-frawli, fl-ispinaċi u fit-tadam u fuqhom fl-2028.
Piraklostrobin	(a)	(b)	(c)	
Piretrini	(a)	(b)	(c)	
Piridaben	(a)	(b)	(c)	
Piridalil	(a)	(b)	(c)	
Pirimetanil	(a)	(b)	(c)	
Piriprossifen	(a)	(b)	(c)	
Kwinossifen	(a)	(b)	(c)	
Spinetoram	(a)	(b)	(c)	
Spinosad	(a)	(b)	(c)	
Spirodiklofen	(a)	(b)	(c)	
Spirodiklofen	(a)	(b)	(c)	
Spiroksamina	(a)	(b)	(c)	
Spirotetramat	(a)	(b)	(c)	
Sulfoksaflor	(a)	(b)	(c)	

Tau-Fluvalinat	(a)	(b)	(c)	
Tebukonażol	(a)	(b)	(c)	
Tebufenożid	(a)	(b)	(c)	
Tebufenpirad	(a)	(b)	(c)	
Teflubenżuron	(a)	(b)	(c)	
Teflutrin	(a)	(b)	(c)	
Terbutilażina	(a)	(b)	(c)	
Tetrakonażol	(a)	(b)	(c)	
Tetradifon	(a)	(b)	(c)	
Tijabendażol	(a)	(b)	(c)	
Tijakloprid	(a)	(b)	(c)	
Tijametossam	(a)	(b)	(c)	
Tijodikarb	(a)	(b)	(c)	
Tijofanat-metil	(a)	(b)	(c)	
Tolklofos-metil	(a)	(b)	(c)	
Trijadimefon	(a)	(b)	(c)	
Trijadimenol	(a)	(b)	(c)	
Triażofos	(a)	(b)	(c)	
Triċiklażol	(a)			Għandha tiġi analizzata biss fir-ross ismar u fuqu fl-2026.
Trifloksistrobin	(a)	(b)	(c)	
Triflumiżol	(a)	(b)	(c)	
Triflumuron	(a)	(b)	(c)	
Katjoni ta' Trimetil-sulfonju	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-larinġ, fil-lanġas, fil-pastard, fir-ross ismar, fil-fażola mnixxfa u fuqhom fl-2026; fil-grejpfrut, fl-għeneb tal-mejda, fil-banana, fil-brunġiel, fil-bżar ħelu, fil-kaboċċi kkapoċċati, fil-basal, fil-ħafur u fil-faqqiegħ ikkultivat u fuqhom fl-2027; fit-tuffieħ, fil-ħawħ u fil-frawli u fuqhom fl-2028.
Trineksapak	(a)	(b)	(c)	Għandha tiġi analizzata biss fil-larinġ u s-segala u fuqhom fl-2026; fil-ħass u fil-faqqiegħ ikkultivat u fuqhom fl-2027; fit-tuffieħ, fil-frawli, fix-xgħir u fil-ħafur u fuqhom fl-2028.
Vinklożolin	(a)	(b)	(c)	
Żossammid	(a)	(b)	(c)	

PARTI D

Kombinamenti ta' residwi ta' pestiċidi/prodotti li jridu jiġu analizzati fi/fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali

	2026	2027	2028	Kummenti
Aldrin u dieldrin	(f)	(d)	(e)	
Klorur tal-benżalkonju	(f)	(d)	(e)	
Bifentrin	(f)	(d)	(e)	
Klorati	(f)	(d)	(e)	
Klordan	(f)	(d)	(e)	
Klormekwat	(f)	(d)	(e)	
Klorpirifos	(f)	(d)	(e)	
Klorpirifos-metil	(f)	(d)	(e)	
Komposti tar-ram	(f)	(d)	(e)	
Ċipermetrina	(f)	(d)	(e)	
DDT	(f)	(d)	(e)	
Deltametrina	(f)	(d)	(e)	
Diażinon	(f)	(d)	(e)	
Klorur tad-dideċildimetilammonju	(f)	(d)	(e)	
Endosulfan	(f)	(d)	(e)	
Famoksadon	(f)	(d)	(e)	
Fenvalerat	(f)	(d)	(e)	
Fipronil	(f)	(d)	(e)	
Glufosinat-ammonju	(f)	(d)	(e)	
Glifosat	(f)	(d)	(e)	
Ettakloru	(f)	(d)	(e)	
Eżaklorobenżen	(f)	(d)	(e)	
Eżakloroċikloeżan (HCH, Alfa-Isomeru)	(f)	(d)	(e)	
Eżaklorocikloeżan (HCH, Beta-Isomeru)	(f)	(d)	(e)	
Indoksakarb			(e)	Għandha tiġi analizzata biss fil-ħalib tal-baqra u fuqu fl-2028.
Lindan	(f)	(d)	(e)	
Mefentriflukonażol	(f)	(d)	(e)	
Mepikwat	(f)	(d)	(e)	
Metossiklor	(f)	(d)	(e)	
Paratijon	(f)	(d)	(e)	
Pendimetalina	(f)	(d)	(e)	
Permetrina	(f)	(d)	(e)	
Pirimifosmetil	(f)	(d)	(e)	

ANNESS II

PARTI A

Għadd ta' kampjuni u teħid ta' kampjuni ta' prodotti li joriġinaw mill-biedja organika u ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar

1. L-għadd minimu ta' kampjuni li għandu jittieħed għal kull prodott u jiġi analizzat għall-pestiċidi elenkati fl-Anness I (għal kull sena għal kull prodott bażiku) għandu jkun kif ġej:

BE	15	LT	12
BG	15	LU	12
CZ	15	HU	15
DK	12	MT	12
DE	106	NL	20
EE	12	AT	15
IE	12	PL	51
EL	15	PT	15
ES	55	RO	22
FR	78	SI	12
HR	12	SK	12
IT	75	FI	12
CY	12	SE	15
LV	12	UK(NI) [1]	12

GĦADD TOTALI TA' KAMPJUNI: 683

[1] F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2, it-taqsima 24, ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għall-Istati Membri jinkludu lir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

2. Minbarra l-punt 1, kull Stat Membru għandu jieħu u janalizza għall-pestiċidi elenkati fl-Anness I, il-Parti C u l-Parti D, dan li ġej:

2026	2027	2028
Ħames kampjuni ta' formuli tat-trabi u ħames kampjuni ta' formuli ta' prosegwiment	10 kampjuni ta' ikel tat-trabi pproċessat abbażi taċ-ċereali	10 kampjuni ta' ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar għajr formuli tat-trabi, formuli ta' prosegwiment u ikel tat-trabi pproċessat abbażi taċ-ċereali

3. Kampjuni minn prodotti li joriġinaw mill-biedja organika għandhom, fejn disponibbli, jittieħdu fi proporzjon massehem tas-suq ta' dawk il-prodotti f'kull Stat Membru b'minimu ta' 1 u analizzati għall-pestiċidi elenkati fl-Anness I, il-Parti C u l-Parti D.

4. Għal ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk humiex qed jiġu rispettati l-livelli massimi ta' residwi għall-ikel tat-trabi u tat-tfal żgħar previsti fl-Artikolu 4 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/127, fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/128 u fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/125/KE, billi jitqiesu biss id-definizzjonijiet tar-residwi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 396/2005. Meta jiġu analizzati l-kampjuni tal-prodotti kif proposti lesti għall-konsum jew kif rikostitwiti skont l-istruzzjonijiet tal-manifatturi, għandhom jitqiesu l-livelli massimi ta' residwi stabbiliti fid-Direttiva 2006/125/KE u r-Regolamenti Delegati (UE) 2016/127 u (UE) 2016/128. F'każijiet meta dawn l-oġġetti tal-ikel ikunu ta' tip li jistgħu jiġu kkunsmati kemm kif jinbiegħu kif ukoll f'forma rikostitwita, ir-riżultati għandhom jiġu rrappurtati fir-rigward tal-prodott kif jinbiegħ.

PARTI B

Rekwiżiti għall-analiżi

1. L-Istati Membri li jużaw metodi multiresidwi jistgħu jużaw metodi ta' skrinjar kwalitattiv fuq massimu ta' 15 % tal-kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati f'konformità mal-punt 1 tal-Parti A. Meta jintużaw metodi ta' skrinjar kwalitattiv, l-għadd ta' kampjuni li jifdal għandu jiġi analizzat permezz ta' metodi multiresidwi kwantitattivi.

   Jekk ir-riżultati tal-iskrinjar kwalitattiv ikunu pożittivi, l-Istati Membri għandhom jużaw metodu mmirat li jintuża s-soltu biex jikkwantifikaw is-sejbiet.

2. Fir-rigward tal-metodi ta' residwu uniku, l-Istati Membri jistgħu jittrażmettu kampjuni li għandhom jittieħdu u jiġu analizzati f'konformità mal-punt 1 tal-Parti A lil-laboratorji uffiċjali li diġà għandhom il-metodi analitiċi vvalidati meħtieġa.

3. Fis-sit web tal-Kummissjoni tinsab ippubblikata gwida bl-isem "Analytical quality control and validation procedures for pesticide residues analysis in food and feed" ([1]).

([1]) Id-Dokument SANTE/11312/2021 v2.